DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 200274** **20.02.2020**

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI**

***Tiġi fi tmiemha l-konferenza interparlamentari dwar l-istabiltà, governanza u koordinazzjoni ekonomika tal-Unjoni Ewropea li għaliha attendiet delegazzjonji Maltija***

Ġiet fi tmiemha l-konferenza interparlamentari dwar l-istabiltà, governanza u koordinazzjoni ekonomika tal-Unjoni Ewropea li nżammet ġewwa Brussell bejn it-18 u d-19 ta' Frar, fejn ġew trattati żewġ temi kurrenti. Fl-ewwel sessjoni tal-ġurnata ġie diskuss kif l-Unjoni Ewropea tista' tieħu rwol ewlieni fuq livell globali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima waqt li t-tieni s-sessjoni trattat it-tema tax-xogħol u l-ħiliet għal tkabbir ekonomiku inklussiv. Fid-dibattiti ħadu sehem membri tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll membri tal-Parlament Ewropew.

Fl-intervent tiegħu, il-President tal-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Jean Claude Micallef stqarr li d-diversità m'għandhiex tkun xkiel imma opportunità biex nifhmu aktar lil xulxin u għalhekk għandhom jinħolqu mekkaniżmi flessibli li jagħtu nifs lill-pajjiżi individwali fl-implementazzjoni tar-regoli Ewropej.

Hu żied li jaqbel mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew li jindirizza prinċiparjament il-kriżi tal-klima b'mod sostenibbli. Dan ikun ifisser li ħadd ma jaqa' lura f'din it-tranżizzjoni ekonomika li għandha l-għan li b'mod kollettiv tilħaq miri mhux biss ambjentali, imma wkoll soċjali u ekonomiċi.

Jean Claude Micallef irrefera għall-każ ta' Malta li bħala gżira żgħira f'nofs il-Mediterran hija mill-aktar vulnerabbli minħabba temp estrem ikkawżat minn bdil fil-klima. Ma' dan wieħed irid iżid ukoll l-isfida li ħafna stati żgħar u reġjuni għandhom swieq żgħar bi skala ekonomika limitata. Għalhekk huwa kruċjali li tingħata direzzjoni politika msejsa fuq il-prinċipju li għalkemm bħala Unjoni nimxu kollha flimkien però m'aħniex kollha l-istess.

Hu għalaq l-intervent tiegħu billi qal li l-Green Deal hija opportunità biex l-Unjoni Ewropea toqrob iktar lejn iċ-ċittadini filwaqt li toħloq progress soċjali sostenibbli permezz tad-diversità. Din l-isfida hija ċans ieħor li turi kemm l-Unjoni Ewopeja mhux biss hi relevanti imma fuq kollox tippromwovi stil ta' ħajja u governanza tajba. Sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima huwa importanti li fuq kollox ikun hemm ukoll bdil fil-mentalità.

Anthony Agius Decelis, President tal-Kumitat Parlamentari għal-Affarijiet tal-Familja pparteċipa wkoll f'din il-konferenza.

**Attachments: photo**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**